**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 25 ta' Mejju, 2017**

**Talba Nru: 270/2017 PM1**

**Annabelle Sammut (KI 0134178(M))**

**Vs**

**Dragan Mitrovich (KI 0125123(A))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta' Mejju, 2017 illi l-attrici bieghet lill-intimat *copper pipes* u *cable* tad-dawl u dawn skont id-*delivery notes* numri 13611962 datata 4 ta' Mejju, 2016, 13611969 ddatata 8 ta' Mejju, 2016, 13611975 ddatata 12 ta' Mejju, 2016 u 13611976 ddatata 16 ta' Mejju, 2016 fl-ammonti ta' €503, €418 u €92 u €1099 rispettivament. Illi l-intimat hallas lill-esponenti l-ammont ta' hames mitt euro (€500) mill-ammont globali u ghalhekk il-bilanc rimanenti li hu dovut lill-esponenti huwa fl-ammont ta' €1,612. Illi minkejja illi l-intimat gie interpellat diversi drabi mill-esponenti sabiex ihallas il-bilanc rimanenti huwa baqa' inadempjenti. Ghalhekk kellha

tigi intavolata dina l-kawza. Bl-ispejjez ta' dina l-kawza kif ukoll tal-ittra ufficjali 166A numru 582/17 kopja annessa mal-avviz.

Illi l-konvenut gie debitament ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-10 ta' Mejju, 2018 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tal-10 ta' Mejju, 2018 u fil-fatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf, sitt mija u tnax-il euro (€1612) rapprezentanti bilanc tal-prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata mill-attrici bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 582/17 mahruga taht l-art. 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghaxijiet kontra l-istess intimat.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**